MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 4/2007

**Frances sive Frances Gladys Mercieca**

**vs**

**Future Focus Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta’ Frar, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Awissu 2006 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta’ mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) rapprezentanti spejjez ta’ course ta’ ‘good practice in child care’ u li kellha

assigurazzjoni li dan kien rikonoxxut li fil-fatt ma kienx.

L-intimatipprezentat risposta ghal din it-talba u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li hija rapprezentanta tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti attendiet course ta' 'good practice in child care' li hadet ghand Future Focus Ltd. u li kellha assigurazzjoni li dan il-course kien tajjeb sabiex tahdem fil-qasam ta' child care u dan ma kienx rikonoxxut fil-fatt kellha taghmel course iehor biex ikun jista' jigi rikonoxxut.

L-intimat issottomettiet illi l-fatt li ghamlet il-course ma jfissirx illi ma hadetx beneficcju kif ukoll il-kondizzjonijiet tal-course kienu illi l-istudenti stess illi kellhom jaraw fuq ic-recognition tal-course.

It-Tribunal wara li sema' l-partijiet jinnota illi huwa minnu illi l-intimat tat xi assigurazzjoni illi dan il-course kien ser ikolu certifikat illi kien tajjeb ghax xoghol taghhom u li kien rikonoxxut u fil-fatt ma kienx.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

Minn din is-sentenza appellat s-socjeta` mharrka kif ukoll Rosanne Galea personalment, *qua* terz interessat. L-

aggravji devoluti minnhom, ilkoll cirkoskritti ghal ksur tal-principji ta' gustizzja naturali, huma kif gej:-

(1) Rosanne Galea personalment ma kienetx parti fil-gudizzju hlief fil-veste taghha ta' rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta u allura ma kellhiex tigi kkundannata taghmel tajjeb ghall-pretiza ta' l-attrici;

(2) It-Tribunal ma okkupax ruhu mill-eccezzjonijiet kollha mressqa, senjatament dik ta' l-inkompetenza tieghu. F' dan il-kuntest l-appellanti javvanzaw il-proposizzjoni illi la l-kwestjoni kienet tirrigwarda r-rikonoxximent o meno ta' kwalifiki, tali kienet regolata bl-Att dwar ir-Rikonoxximent Reciproku ta' Kwalifiki (Kapitolu 451) u l-proceduri mahsuba f' dan;

(3) It-Tribunal ma ppermettiex lis-socjeta` appellanti tipproduci x-xhieda taghha, u dippju, naqas milli jiddegreta r-rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex tressaq xhieda godda;

Qabel xejn din il-Qorti trid tindirizza l-impressjoni zbaljata ta' l-appellata illi ghall-kaz imqajjem quddiem it-Tribunal adit kien jiccentra l-Att V ta' l-1995, ossija l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet. Kif saput, it-Tribunal ghal Talbiet ta' Konsumaturi twaqqaf mil-legislatur skond l-Artikolu 16 tal-Kapitolu 378, ossija l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u, allura, ghal kaz ma jiccentra bl-ebda mod l-Artikolu 8 (2) u (3) tal-Kapitolu 380, relattiv, invece ghad-dritt ta' l-appell minn decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

Dan ipprecizat, fis-sostanza t-twegiba ta' l-appellata ghall-aggravji sollevati huma migjuba f' dan is-sens:-

(1) L-ewwel aggravju mhux sostenibbli stante li Rosanne Galea ma ntavolat ebda eccezzjoni quddiem it-Tribunal li l-azzjoni ma kellhiex tigi diretta kontra taghha personalment;

(2) Ukoll, u ghall-istess raguni, it-tieni aggravju ghandu jitqies inammissibbli billi ebda eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni ma giet sollevata fil-prim’ istanza u din issa ma setghetx titqajjem f’ dan l-istadju ta’ l-appell;

(3) L-appellanti kellhom kull opportunita jitrattaw il-kaz taghhom;

Il-fatti tal-kaz huwa pjuttost semplici. L-appellata segwiet kors programmat mis-socjeta` Future Focus Ltd li jwassal ghall-otteniment ta’ certifikat “*in child care*”. Hi nghatat assigurazzjoni li tali certifikat kien rikonoxxut biex hi tahdem fil-qasam tac-*child care* meta tali ma kienx il-kaz. L-appellata ghalhekk azzjonat lil Rosanne Galea *qua* Managing Director tas-socjeta` msemmija;

Huwa sintomatiku, anke mill-istess avviz kif prezentat mill-appellata, illi l-mira ta’ l-azzjoni taghha kienet diretta kontra s-socjeta` Future Focus Ltd u mhux ukoll kontra Rosanne Galea personalment. Ma jistax ikun hemm dubbju illi r-relazzjoni guridika twieldet bejn l-appellata u l-predetta socjeta` in kwantu kienet din li offriet il-kors u l-kontrattazzjoni saret ma’ din, taht it-termini u l-kondizzjonijiet taghha. Huwa sew maghruf illi ghall-iskop tal-valutazzjoni ta’ l-integrita` tal-kontradittorju wiehed ghandu jiehu rigward ghall-prospettazzjoni ta’ l-attur, u mhux ukoll ghall-ezitu tal-kontroversja. Ghamlet sew Rosanne Galea li introduciet appell mis-sentenza bhala terz interessata in kwantu kien manifest l-interess guridiku taghha li tottjeni dik l-utilita` konkreta mill-akkoljiment tal-gravam taghha. Dak, cjoe, li hi personalment m’ ghandhiex tirrispondi ghar-reklam ta’ l-attrici. L-aggravju taghha fuq dan il-punt qieghed konsegwentement jigi milqugh;

Fil-kaz tat-tieni aggravju sewwa gie rilevat mill-appellata illi minn ebda difiza quddiem it-Tribunal ma giet sollevata l-eccezzjoni tan-nuqqas tal-gurisdizzjoni. La dan hu hekk il-kaz din il-Qorti ma tistax tokkupa ruhha minnu ghax biex

dan jista' jsir il-kwestjoni kellha necessarjament tkun ifformat kontroversja quddiem it-Tribunal u deciza minnu wkoll. Mhux lecitu allura li l-appellanti ghall-ewwel darba u *noviter deductus* jissollevaw il-kwestjoni tan-nuqqas ta' kompetenza quddiem Qorti ta' appell . Dan anke skond id-dettam tal-proviso ta' l-Artikolu 774 tal-Kapitolu 12. Ara "**Francis Xavier Farrugia *et* -vs- Kevin Bugeja *et***", Appell Inferjuri, 22 ta' Ottubru 1999;

Jista' jizdied, imbaghad, illi l-aggravju hekk interpost mhux biss huwa inammissibbli imma wkoll insostenibbli ghaliex l-ewwelnett l-Kapitolu 451 ma jiccentra lanqas minimament fil-materja agitata. Fit-tieni lok, kif korrettement sottomess mill-appellata fir-risposta taghha, il-kontestazzjoni kienet tirriverti fuq il-konsiderazzjoni ta' l-inadempjenza kontrattwali, u, precizament, dik ta' l-assigurazzjoni moghtija lil min ikkonsegwa l-kors tar-rikonoxximent tac-certifikat supplit mill-kumpanija;

Ma huwiex lanqas accettabbli l-argoment imqieghed bhala bazi tat-tielet motiv ta' aggravju. Hi disposizzjoni cara tal-ligi, ex-Artikolu 23 ta' l-Att XXVIII ta' l-1994, illi "l-arbitru jirregola l-procedimenti quddiem tribunal bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja, skond id-dettami tal-gustizzja naturali". In meritu ghal dawn id-dettami din il-Qorti gja kellha l-opportunita` tapprofondixxi t-tematika f' sentenzi recenzjuri taghha u mhux il-kaz li toqghod terga' tirreplika l-konsiderazzjonijiet fihom zvolti. Ara "**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi**" u "**Josephine Magro -vs- Mondial Holidays**", it-tnejn decizi fit-28 ta- Marzu 2003;

Kellha ukoll l-okkazjoni li tirribadixxi l-enuncjazzjoni maghmula mill-Qorti Suprema ta' l-appell in re: "**Teddy Spiteri *et* -vs- Catherine Muscat *et***", 6 ta' Ottubru 2000, jigifieri, li "hi wkoll zbaljata s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-principju *audi alteram partem* kien wiehed li jittraxxendi r-regoli ta' procedura mahsuba biex jorganizza l-process gudizzjarju u li l-Qrati u l-partijiet (sottolinear ta'

l-istess Qorti) kienu tenuti u obbligati li josservaw. Indubbjament anke fl-applikazzjoni ta’ dan il-principju bazilari ta’ dritt kellhom jigu osservat l-interessi supremi tal-gustizzja kif ukoll id-drittijiet tal-kontro-parti li kienu jesigu illi s-smigh ta’ kawza jkun regolat skond kif tidderiegi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali”. Kif issokkta jinghad minn din il-Qorti, kif presjeduta, din l-enuncjazzjoni takkwista rafforzament fil-kaz tal-procedura ritwali quddiem it-Tribunal adit, tenut qies ukoll ta’ dik is-sommarjeta li hi ab bazi ta’ l-Artikolu 23 (2) (a) ta’ l-Att. Ara “**Edward Tanti -vs- USL Services Ltd**’, ukoll deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Marzu 2007. Wisq naturali, il-Qorti ma naqsetx milli tirravviza u tikkawtela f’ din l-istess sentenza illi “s-sommarjeta fis-smigh u decizjoni tal-kawza ma ghandhiex, fil-fehma tal-Qorti, tigi ridotta ghall-ghaggla zejda minghajr riflessjoni xierqa u adegwata tal-provi”;

Issa fil-kaz prezenti din il-Qorti ma tarax kif tista’ ragonevolment ticcensura lit-Tribunal illi dan ma akkordax l-opportunita lis-socjeta` appellanti biex din tipproduci l-provi li xtaqet iggib u li kienu fid-disponibilita` taghha. Dan anke jekk fl-unika seduta mizmuma ghall-iskop tal-produzzjoni tal-provi u dik tas-sottomissjonijiet okkorrenti. Fil-verita`, din il-Qorti ma tirriskontra ebda lezjoni tal-principju ta’ gustizzja naturali lamentat. Dan in aggunta ma’ l-osservazzjoni illi minn imkien mill-inkartament tal-kaz ma jirrizulta li saret talba *ad hoc* ghall-produzzjoni ta’ xhieda ohra u din giet michuda, kif lanqas ma jirrizulta xi rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghal dak l-istess skop;

Fil-mertu, imbaghad, il-Qorti ma ssibx li t-Tribunal ma rragunax tajjeb u fit-termini ta’ dik il-gustizzja sostantiva u ta’ l-ekwita li dwarhom jirreferi l-Artikolu 21 (1) ta’ l-Att. Il-fatti incidenti ghal liema l-attrici rreklamat id-danni huma dawk li jemergu mir-rizultanzi istruttorji. Dwarhom, it-Tribunal ipprovda ragunijiet sommarji tal-process logiku-guridiku minnu segwit u ghadda biex b’ mod ekwitattiv illikwida r-rizarciment dovut. Huwa evidenti illi tali rizarciment jizvolgi funzjoni sostitutiva ghall-effetti

pregudizzjevoli subiti mill-appellata, kemm dak tac-cans biex tidhol fid-dinja tax-xoghol, kif ukoll biex jitpatta ghal qaghda fejn l-appellata kienet kostretta tingarba ruhha, b' hela ta' energija, f' kors addizzjonali konducenti ghal dik l-istess possibilita`. Taht dan il-profil din il-Qorti ssib li d-decizjoni hi sorretta minn motivazzjoni ezenti minn vizzji logici ta' l-apprezzament tal-fatti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel gravam u konsegwentement tillibera lil Rosanne Galea personalment mill-osservanza tal-gudizzju, tirrespingi l-aggravji l-ohra dedotti u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata di fronte ghas-socjeta` Future Focus Limited. L-ispejjez jitbatew minn din l-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------